**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 15 ta' Novembru 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**vs**

**Joseph Bondin**
**ID: 625782(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Bondin, iben Nazzareno u Rita Bondin nee` Corso, imwieled tal-Pieta` nhar is-17 ta' Novembru 1982, residenti gewwa 10, Triq Matty Grima, Bormla u detentur tal-karta tal-identita` numru 625782(M);

Akkuzat talli nhar it-13 ta' Novembru 2017 ghall-habta ta' bejn it-7:45am u t-8:00am gewwa l-Iskola Santa Margerita, Bormla u/jew f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioè ghalliem bl-isem ta' Mario Bonnici waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. U aktar talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq ufficjal pubbliku u cioè ghalliem bl-isem ta’ Mario Bonnici hekk kif iccertifikat Dr Maria Elena Pawley MD reg No 3511 mic-centru tas-sahha ta’ Bormla;

3. U aktar talli hebb kontra Mario Bonnici sabiex jingurjah, idejqu, jew jaghmel hsara lil din il-persuna;

4. U aktar talli nhar id-9 ta’ Novembru 2017 f’dawn il-gzejjer Maltin permezz tal-uzu ta’ telekomunikazzjoni (*network*) hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil Mario Bonnici jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga, jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra tieghu, jew biex immalafama lil Mario Bonnici, jew xi persuni ohra jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih;

5. U aktar talli nhar id-9 ta’ Novembru 2017 f’dawn il-gzejjer Maltin permezz tal-uzu ta’ telekomunikazzjoni (*network*) ingurja jew hedded lil Mario Bonnici bi kliem jew mod iehor;

6. U aktar talli bejn id-9 u t-13 ta’ Novembru 2017 f’dawn il-gzejjer Malta ikkaguna lil Mario Bonnici biza’ li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjetà tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li kien misjub hati ta’ diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tipprovdi ghas-sigurtà tal-ghalliem Mario Bonnici msemmi hawn fuq garanzija taht l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u kif ukoll tohrog Ordni ta’ Protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurtà tal-persuna offiza jew individwi ohra skont Artikolu 412(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-wahda n-natura serja tar-reati li bihom jinsab mixli l-imputat u l-fedina penali tieghu u min-naha l-ohra, l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri, li huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha u li skuza ruhu tal-akkadut. Tqis ukoll illi l-Prosekuzzjoni mhijiex qed tinsisti ghall-piena ta' prigunerija effettiva, izda tissottometti illi l-Qorti ghandha timponi kundizzjonijiet idonei ghall-protezzjoni tal-vittma.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 95, 221, 222, 251B, 339(1)(d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 49 (a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghall-piena ta' hames (5) xhur prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tigi sospiza ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum u ghall-multa ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fiz-zmien xahar mil-lum. B'dan illi kemm-il darba l-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit f'prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tohrog il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni kontra l-hati fir-rigward ta' Mario Bonnici (ID 303770(M)) u dan sabiex tipprovdi ghall-protezzjoni tal-imsemmija persuna. Il-hati qieghed ghalhekk jigi pprojbit milli javvicina, jikkuntattja direttament jew indirettament jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuni indikata u dan ghal zmien sentejn (2) mil-lum.

IL-Qorti spjegat lill-hati, fi kliem car u semplici, il-konsegwenzi skont il-ligi, kemm-il darba jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, kif ukoll kemm-il darba jikser il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Protezzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat